A.L. 92 ta' l-1981

ATT TA' L-1976 DWAR IS-SAĦĦA MENTALI
(ATT NRU. XVIII TA' L-1976)

Regoli ta' l-1981 dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni dwar Saħħa Mentali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 41 ta' l-Att ta' l-1976 dwar is-Saħħa Mentali, il-Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament għamel ir-regoli li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-regoli jistgħu jissejħu r-Regoli ta' l-1981 dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni dwar Saħħa Mentali, u għandhom jibdew iseħħu f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

TAQSIMA I

Tifsir.

2. F'dawn ir-regoli, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"l-Att" tfisser l-Att ta' l-1976 dwar is-Saħħa Mentali;

"applikant" tfisser persuna li taħt l-Att ikollha jedd li tapplika, jew meta hekk ikollha jedd tkun applikat, lit-Tribunal ta' Reviżjoni dwar Saħħa Mentali;

"qarib sostitwit" dwar pazjent tfisser il-qarib l-aktar viċin tal-pazjent li l-funzjonijiet tiegħu taħt l-Att ikunu eżerċitabbli minn persuna oħra skond digriet tal-Qorti magħmul taħt l-artikolu 31 jew 32 ta' l-Att;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika;

"qarib l-aktar viċin" dwar pazjent tfisser il-persuna li għal dak iż-żmien ikollha l-funzjonijiet taħt l-Att ta' qarib l-aktar viċin ta' dak il-pazjent;

"pazjent" dwar applikazzjoni tfisser il-persuna li dwarha ssir l-applikazzjoni;

"riferenza" tinkludi riferenza mill-Ministru taħt l-artikolu 35 ta' l-Att u riferenza mill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja taħt l-artikolu 43 ta' l-Att;

"awtorità responsabbli" dwar pazjent li jista' jinżamm fi sptar taħt l-Att tfisser il-*manager* ta' l-isptar;

"tribunal" tfisser it-Tribunal ta' Reviżjoni dwar Saħħa Mentali.

TAQSIMA II

Kif issir applikazzjoni.

3. (1) Applikazzjoni għandha ssir minn applikant, jew minn xi persuna awtorizzata minnu biex tapplika f'ismu, fuq il-formula xierqa ta' applikazzjoni murija fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regoli, u għandha tintbagħat lit-Tribunal.

(2) Is-segretarju tat-tribunal jew l-awtorità responsabbli għandha, meta hekk mitluba, tagħti l-formula ta' applikazzjoni xierqa lil applikant.

(3) Meta applikant jitlob smigħ formali, dan il-fatt għandu jiġi dikjarat fl-applikazzjoni tiegħu.

Setgħa tat-tribunal biex jiddifferixxi applikazzjoni.

4. (1) Meta applikazzjoni minn jew dwar pazjent tkun ġiet kunsidrata u deċiża mit-tribunal, it-tribunal jista', bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din ir-regola, jiddifferixxi l-kunsiderazzjoni ta' applikazzjoni oħra minn jew dwar dak il-pazjent sakemm it-tribunal jista' jordna, iżda mhux iktar tard minn tnax-il xahar wara d-data li fiha l-applikazzjoni ta' qabel tkun ġiet deċiża.

(2) Is-setgħa mogħtija għal differiment bil-paragrafu (1) ta' din ir-regola ma tapplikax għal —

(a) xi applikazzjoni meta l-applikazzjoni ta' qabel tkun ġiet deċiża qabel waqfien jew tibdil fl-awtorità għat-tiżmim tal-pazjent;

(b) applikazzjoni taħt l-artikolu 21 ta' l-Att dwar tiġdid ta' awtorità għat-tiżmim tal-pazjent għal perijodu ta' sena, kemm-il darba l-applikazzjoni ta' qabel ma tkunx saret lit-tribunal iktar minn sitt xhur wara d-dħul tal-pazjent fl-isptar; u

(ċ) applikazzjoni taħt l-artikolu 29 ta' l-Att.

(3) Meta konsiderazzjoni ta' applikazzjoni tiġi differita, it-tribunal għandu hekk jgħarraf lill-applikant u lil kull persuna oħra li lilha tkun intbagħtet kopja jew avviż ta' l-applikazzjoni.

(4) Meta l-konsiderazzjoni ta' applikazzjoni tiġi differita, ma jitteħidx kont ta' kull azzjoni li setgħet ittieħdet fuq l-applikazzjoni taħt id-disposizzjonijiet tar-regoli 5 sa 7 ta' dawn ir-regoli, u l-konsiderazzjoni ta' l-applikazzjoni tkompli daqslikieku l-applikazzjoni kienet saret wara li jkun għadda ż-żmien tad-differiment, kemm-il darba qabel dik id-data l-applikazzjoni ma tkunx ġiet irtirata jew hi meqjusa bħala li ġiet irtirata skond id-disposizzjonijiet tar-regola 15 ta' dawn ir-regoli, jew ma tkunx ġiet deċiża skond il-paragrafu li jiġi minnufih wara dan.

(5) Meta ssir applikazzjoni ġdida dwar pazjent u ma tiġix differita taħt din ir-regola, it-tribunal jista' jordna li kull applikazzjoni differita dwar l-istess pazjent għandha tiġi kunsidrata u deċiża fl-istess ħin ma' l-applikazzjoni l-ġdida.

(6) Għall-finijiet ta' din ir-regola, waqfien jew tibdil fl-awtorità għat-tiżmim ta' pazjent jitqies li sar biss —

(a) malli jidħol l-isptar fuq applikazzjoni għal kura jew fuq ordni ta' sptar mingħajr ordni li jirrestringi t-tluq tiegħu mill-isptar; jew

(b) ma' l-applikazzjoni għalih tad-disposizzjonijiet tat-Taqsima III jew tat-Taqsima IV ta' l-Att bħallikieku kien daħal jew riċevut hemmhekk wara —

(i) ordni ta' trasferiment, jew

(ii) li jkun waqaf mis-seħħ ordni ta' trasferiment jew direttiva jew ordni li tirrestinji t-tluq tiegħu mill-isptar.

Avviż lil awtorità responsabbli.

5. It-tribunal għandu malli jirċievi applikazzjoni jew, meta tkun ġiet differita kunsiderazzjoni ta' applikazzjoni, fi tmiem il-perijodu tat-trasferiment jibgħat kopja ta' l-applikazzjoni lill-awtorità responsabbli.

Dikjarazzjoni minn awtorità responsabbli.

6. (1) L-awtorità responsabbli għandha tibgħat lit-tribunal, mhux iktar tard minn ġimgħa minn meta l-imsemmija awtorità tirċievi l-kopja ta' l-applikazzjoni, dikjarazzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "d-dikjarazzjoni ta' l-awtorità", li jkun fiha t-tagħrif imsemmi fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regoli, hekk iżda li kull parti ta' l-imsemmija dikjarazzjoni li fil-fehma ta' l-awtorità responsabbli m'għandhiex tingħata lill-applikant minħabba li jekk tinkixef ma tkunx fl-aħjar interessi tal-pazjent jew minħabba raġunijiet speċjali oħra għandha ssir fuq dokument separat u l-imsemmija awtorità għandha tispeċifika r-raġunijiet għaliex ma tixtieqx li t-tagħrif li jkun fih dak id-dokument ma għandux jingħata lill-applikant.

(2) It-tribunal għandu, malli jirċievi d-dikjarazzjoni ta' l-awtorità, jibgħat lill-applikant kopja tad-dikjarazzjoni li ma jkunx fiha dik il-parti minnha li tkun qiegħda f'dokument separat skond il-paragrafu ta' qabel dan.

(3) It-tribunal għandu jgħarraf lill-awtorità responsabbli b'kull kummenti fuq id-dikjarazzjoni ta' l-awtorità li t-tribunal jista' jirċievi mingħand l-applikant u għandu jagħti lill-awtorità responsabbli opportunità li tikkunsidra kull kummenti bħal dawk u għandu, jekk l-awtorità responsabbli hekk titlob, jagħti lill-awtorità imsemmija kopja tagħha.

Avviż lil persuni oħra li jkollhom interess.

7. It-tribunal għandu, malli jirċievi d-dikjarazzjoni ta' l-awtorità, jagħti avviż ta' l-applikazzjoni lill-persuna msemmija f'dik id-dikjarazzjoni bħala li tkun qed teżerċita l-funzjonijiet tal-qarib l-aktar viċin meta l-applikant ikun il-pazjent jew il-qarib sostitwit, u għandu jgħarraf lill-persuna li lilha jingħata l-avviż bl-arranġamenti li għandhom isiru biex l-applikazzjoni tiġi deċiża.

Żewġ applikazzjonijiet jew iktar mhux deċiżi.

8. It-tribunal jista' jikkunsidra iktar minn applikazzjoni waħda dwar pazjent fl-istess ħin u jista' għal dan l-għan jaġġorna l-proċedimenti dwar kull applikazzjoni.

TAQSIMA III

Rappreżentanti.

9. (1) L-applikant, l-awtorità responsabbli u kull persuna li lilha jkun ingħata avviż ta' l-applikazzjoni taħt id-disposizzjonijiet tar-regola 7 ta' dawn ir-regoli jistgħu jkunu rappreżentati minn kull persuna awtorizzata għal hekk, li ma tkunx persuna li tkun tista' tiġi miżmuma taħt l-Att jew persuna li tkun qed tirċievi kura għal diżordni mentali fl-istess sptar li fih ikun hemm il-pazjent li jkun għamel jew li dwaru tkun saret l-applikazzjoni.

(2) Rappreżentant awtorizzat jista' jieħu dawk il-passi u jagħmel kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-proċedimenti kif persuna li lilha jkun qed jirrappreżenta, hu b'dawn ir-regoli meħtieġ li jieħu jew awtorizzat li jagħmel.

(3) Kemm-il darba t-tribunal ma jordnax xort'oħra, pazjent jew persuna oħra li tidher quddiem it-tribunal (barra milli biex tixhed) jista' jkollha magħha kull persuna li tkun tixtieq.

Eżami mediku.

10. Il-membru mediku tat-tribunal għandu, jew jekk ikun hemm iktar minn membru mediku wieħed il-membri mediċi jistgħu u wieħed minnhom għandu, jeżamina l-pazjent jew jieħu dawk il-passi l-oħra kif hu jew huma jidhrilhom meħtieġa sabiex jagħtu l-fehma fuq il-kondizzjoni mentali tal-pazjent; u għal dan l-għan il-pazjent tista' ssirlu viżita fil-privat u l-istorja medika tiegħu tiġi eżaminata.

Intervista ma' pazjent.

11. (1) It-tribunal jista' f'kull żmien qabel jiddeċiedi l-applikazzjoni jintervista lill-pazjent u għandu jintervistah jekk dan hekk jitlob, u dik l-intervista tista' ssir fil-privat jew quddiem l-applikant jew kull persuna oħra kif jidhirlu xieraq it-tribunal.

(2) It-tribunal jista', fejn jidhirlu xieraq, jawtorizza lil wieħed jew iktar mill-membri tiegħu biex iżuru u jintervistaw lill-pazjent fil-privat.

Kxif ta' tagħrif.

12. (1) Ħlief safejn it-tribunal ma jidhirlux li jsir fl-aħjar interessi tal-pazjent jew għal xi raġunijiet speċjali oħra, it-tribunal għandu jħalli għad-disposizzjoni ta' l-applikant kull parti tad-dikjarazzjoni ta' l-awtorità li ma tkunx ġiet murija lilu taħt id-disposizzjonijiet tar-regola 6 ta' dawn ir-regoli, u għandu fuq talba jħalli għad-disposizzjoni ta' l-applikant u lill-awtorità responsabbli kopji ta' kull dokumenti oħra miksuba minn jew mogħtija lit-tribunal għall-finijiet ta' l-applikazzjoni u ta' dikjarazzjoni tas-sustanza ta' xi tagħrif verbali hekk miksub jew mogħti, u għandu jekk hekk mitlub, jagġorna s-smigħ ta' l-applikazzjoni safejn fil-fehma tat-tribunal ikun meħtieġ sabiex l-applikant jew l-awtorità responsabbli tkun tista' tikkunsidra kull dokument jew tagħrif li jkun tqiegħed għad-disposizzjoni skond dan il-paragrafu:

Iżda t-tribunal jista' jirrifjuta li jagħti kopji ta' xi dokument, jew dikjarazzjoni ta' xi tagħrif verbali, li fil-fehma tat-tribunal ma jkunx rilevanti għall-finijiet ta' l-applikazzjoni.

(2) It-tribunal jista' jagħti lil kull persuna kull tagħrif li jkun ġie miżmum taħt id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regoli bil-patt li t-tagħrif ma jiġix mikxuf lill-applikant jew lill-pazjent jew lil xi persuna oħra jew li t-tagħrif ma jintużax xort'oħra ħlief dwar l-applikazzjoni.

Xhieda.

13. (1) Sabiex jinkiseb tagħrif, it-tribunal jista' jisma' xhieda bil-ġurament u jista' jħarrek lil kull xhud biex jidher quddiem it-tribunal jew biex iġib dokumenti, iżda ebda persuna ma tkun imġiegħla li tixhed jew li ġġib xi dokument li din ma setgħetx tiġi mġiegħla tagħmel jew iġib quddiem xi qorti.

(2) It-tribunal jista' jirċievi bħala prova kull dokument jew tagħrif ieħor minkejja li dak id-dokument jew dak it-tagħrif ma jiġix aċċettat f'qorti.

(3) It-taħrikiet tax-xhieda jkunu ffirmata miċ-*chairman* tat-tribunal.

Differimenti.

14. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (2) tar-regola 26, it-tribunal jista' jiddifferixxi s-smigħ ta' kull xhieda jew rappreżentazzjonijiet jew il-konsiderazzjoni ta' applikazzjoni għal dik id-data li t-tribunal jista' jiddeċiedi.

Irtir ta' applikazzjoni.

15. Kull applikant jista' jirtira l-applikazzjoni tiegħu f'kull żmien billi jagħti avviż bil-miktub lis-Segretarju tat-tribunal, u applikazzjoni titqies li tkun irtirata jekk il-pazjent ma jibqax iktar suġġett li jinżamm taħt l-Att f'Malta.

Taqsima IV

Deċiżjonijiet mhux formali.

16. (1) Meta l-applikant ma jitlobx smigħ formali, it-tribunal jista', bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din ir-regola, jiddeċiedi l-applikazzjoni b'dak il-mod kif it-tribunal jidhirlu xieraq.

(2) Qabel ma tiġi deċiża applikazzjoni, it-tribunal għandu —

(a) jieħu dawk il-passi kollha li jidhirlu xierqa (inkluż li jintervista lil xi persuna) sabiex jiżgura li għandu quddiemu t-tagħrif meħtieġ sabiex jiddeċiedi l-każ; u

(b) jagħti lill-applikant, lill-awtorità responsabbli u lil kull persuna li lilha jkun ingħata avviż taħt id-disposizzjonijiet tar-regola 7 ta' dawn ir-regoli, opportunità ta' intervista mat-tribunal, fi żmien u f'post li għall-inqas ikun avżat sebat ijiem qabel kemm-il darba l-persuna konċernata ma tkunx iddikjarat li m'għadx għandha interess fl-applikazzjoni; u

(ċ) jikkonsidra kull rappreżentazzjonijiet bil-miktub magħmula lit-tribunal dwar l-applikazzjoni.

(3) Kull persuna ntervistata mit-tribunal taħt din ir-regola tingħata l-opportunità li tagħti l-fehma tagħha u li tiġbed l-attenzjoni tat-tribunal għal xi prova jew tagħrif rilevanti għall-applikazzjoni.

Riferenza mill-Ministru.

17. It-tribunal għandu jikkonsidra riferenza mill-Ministru daqslikieku kienet applikazzjoni minn pazjent li ma jkunx talab smigħ formali u d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regoli għandhom japplikaw għar-riferenza daqslikieku kienet applikazzjoni bħal dik bit-tibdiliet li ġejjin:

(a) ir-regoli 4 u 15 ma japplikawx;

(b) fir-regoli 5 u 6, minflok il-kliem "kopja ta' l-applikazzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "notifikazzjoni tar-riferenza";

(ċ) il-paragrafi (3) u (5) tar-regola 26 japplikaw bis-sostituzzjoni ta' riferenzi għall-Ministru minflok riferenzi għall-applikant; u

(d) il-Ministru jista', jekk jidhirlu xieraq, jirtira r-riferenza f'kull żmien qabel ma tiġi deċiża mit-tribunal.

Riferenza mill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja.

18. It-tribunal għandu jikkunsidra riferenza mill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja b'kull mod mhux informali kif it-tribunal jidhirlu xieraq u jista' fuq kull riferenza bħal dik jintervista lill-pazjent u għandu jintervistah jekk hekk jitlob; u wara li jikkunsidra r-riferenza t-tribunal għandu jagħti l-parir fuqha lill-imsemmi Ministru.

Proċedementi fil-privat.

19. Il-proċedimenti kollha li għalihom tapplika din it-Taqsima ta' dawn ir-regoli jsiru fil-privat iżda t-tribunal jista', jekk jidhirlu xieraq, jawtorizza lil kull persuna biex tattendi.

TAQSIMA V

Applikazzjoni tat-Taqsima V.

20. Din it-Taqsima ta' dawn ir-regoli japplikaw biss għal proċedimenti li fihom l-applikant ikun talab smigħ formali.

Avviż ta' smigħ.

21. It-tribunal għandu jagħti għall-inqas avviż ta' sebat ijiem taddata, ħin u post stabbilit għas-smigħ lill-applikant, lill-awtorità responsabbli, lil kull persuna li tkun irċeviet avviż ta' l-applikazzjoni taħt id-disposizzjonijiet tar-regola 7 ta' dawn ir-regoli, u lil kull persuna oħra li fil-fehma tat-tribunal, għandu jkollha l-opportunità li tinstema'.

Deċiżjoni dwar smigħ formali.

22. Meta l-applikant li jkun talab smigħ formali jkun il-pazjent, it-tribunal jista', qabel ma jgħaddi għas-smigħ ta' l-applikazzjoni, jikkunsidra jekk smigħ formali jkunx ta' ħsara għal saħħtu u għandu hekk jagħmel jekk id-dikjarazzjoni ta' l-awtorità tinkludi opinjoni mill-uffiċjal mediku responsabbli li smigħ formali jkun hekk ta' ħsara; u jekk it-

tribunal ikun tal-fehma li smigħ formali jkun ta' ħsara għas-saħħa tal-pazjent, l-applikazzjoni tiġi deċiża skond id-disposizzjonijiet tar-regola 16 ta' dawn ir-regoli daqslikieku l-applikant ma kienx talab smigħ formali.

Proċedimenti fil-privat.

23. (1) It-tribunal jiltaqa' fil-privat kemm-il darba l-applikant ma jitlobx lis-smigħ isir fil-pubbliku u t-tribunal ikun sodisfatt li smigħ fil-pubbliku ma jkunx ta' ħsara għall-interessi tal-pazjent u ma jkunx mhux ta' min jixtiequ għal xi raġuni oħra.

(2) Meta jiltaqa' fil-privat it-tribunal jista' jdaħħal għas-smigħ kull persuna jew klassi ta' persuni fuq dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li t-tribunal jidhirlu xierqa.

(3) It-tribunal jista' ma jħallix li tidħol għas-smigħ lil kull persuna jew klassi ta' persuni li jidhirlu xierqa; u jista' ma jħallix li jidħol il-pazjent jew xi persuna oħra waqt li t-tribunal ikun qed jisma' xiehda jekk fil-fehma tiegħu, ma jkunx ta' min jixtiequ fl-interessi tal-pazjent jew għal xi raġunijiet speċjali oħra li l-pazjent jew xi persuna oħra bħal dik tkun preżenti.

(4) Ħlief safejn it-tribunal jista' jordna xort'oħra, ma jiġix ippubblikat tagħrif dwar proċedimenti quddiem it-tribunal u l-ismijiet ta' xi persuna li jkollha x'taqsam fil-proċedimenti.

Proċedura.

24. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din ir-regola, kull persuna li tirċievi avviż għas-smigħ tista' tidher u tieħu dak is-sehem fil-proċedimenti kif it-tribunal jidhirlu xieraq.

(2) It-tribunal għandu jagħti opportunità lill-applikant li jindirizza lit-tribunal, li jixhed u li jsejjaħ xhieda; u l-awtorità responsabbli, u bil-permess tat-tribunal kull persuna oħra, tista' tagħmel mistoqsijiet lill-applikant jew lil kull xhud imsejjaħ minnu jew f'ismu.

(3) It-tribunal għandu jagħti lill-awtorità responsabbli u lil kull persuna oħra notifikata bis-smigħ taħt id-disposizzjonijiet tar-regola 21 ta' dawn ir-regoli opportunità li tindirizza lit-tribunal, li tixhed u li ssejjaħ xhieda u jista' jħalli lil kull persuna oħra kif it-tribunal jidhirlu xieraq li hekk tagħmel; u l-applikant u l-awtorità responsabbli u bil-permess tat-tribunal kull persuna oħra, tista' tagħmel mistoqsijiet lil kull persuna li tkun qed tixhed quddiem it-tribunal.

(4) Meta l-pazjent ikun l-applikant jew jissejjaħ bħala xhud, it-tribunal jista', jekk jidhirlu meħtieġ biex hekk jagħmel fl-interessi tas-saħħa tal-pazjent, jintervista lill-pazjent jew jieħu x-xiehda tiegħu fil-privat jew b'xi mod ieħor kif it-tribunal jidhirlu xieraq.

Differiment għal aktar tagħrif.

25. (1) Meta fil-fehma tat-tribunal ikun meħtieġ aktar tagħrif fuq xi punt, it-tribunal jista' jiddifferixxi sabiex jinkiseb it-tagħrif b'dak il-mod kif jista' jordna jew sabiex l-applikant jew xi persuna oħra li għandha x'taqsam biex tikseb it-tagħrif.

(2) Meta wara xi differiment bħal dak it-tribunal jidhirlu li s-smigħ għandu jitkompla meta jintalab mill-applikant jew mill-awtorità responsabbli li jitkompla s-smigħ, għandu jingħata avviż ta' mhux inqas minn sebat ijiem (jew dak iż-żmien aqsar bi ftehim mal-persuni kollha li jkollhom x'jaqsmu) lill-applikant, lill-awtorità responsabbli u lil kull persuna oħra li tkun ġiet notifikata bis-smigħ taħt id-disposizzjonijiet tar-regola 21 ta' dawn ir-regoli u li tkun dehret fis-smigħ ta' qabel.

TAQSIMA VI

Deċiżjonijiet.

26. (1) Id-deċiżjoni tal-maġġoranza tal-membri tat-tribunal tkun id-deċiżjoni tat-tribunal u, fil-każ ta' voti ndaqs, iċ-*chairman* tat-tribunal ikollu vot ieħor jew vot deċiżiv.

(2) Id-deċiżjoni tat-tribunal tkun iffirmata miċ-*chairman* u tiġi depożitata mas-Segretarju tat-tribunal.

(3) Kopja tad-deċiżjoni tat-tribunal għandha tintbagħat, fi żmien sebat ijiem minn meta tiġi depożitata, mis-Segretarju tat-tribunal lill-applikant, lill-awtorità responsabbli, lill-pazjent (meta dan ma jkunx l-applikant, u lil kull persuna oħra kif jordna t-tribunal, u l-imsemmi Segretarju għandu fl-istess ħin jgħarraf lill-applikant u lill-awtorità responsabbli bil-jedd tagħhom li jitolbu r-raġunijiet li jkunu wasslu għad-deċiżjoni skond il-paragrafu (5) ta' din ir-regola:

Iżda meta t-tribunal jidhirlu li ma jkunx mixtieq li kopja tad-deċiżjoni tiegħu tingħata lill-pazjent (meta dan ma jkunx l-applikant), id-deċiżjoni titwassallu b'dak il-mod li t-tribunal jidhirlu xieraq.

(4) Ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tat-tribunal ikunu ffirmati miċ-*chairman*.

(5) L-applikant u l-awtorità responsabbli jistgħu, fi żmien wieħed u għoxrin jum wara li jirċievu kopja tad-deċiżjoni tat-tribunal, jitolbu lit-tribunal biex jagħti r-raġunijiet tiegħu, u t-tribunal għandu jilqa' kull talba bħal dik ħlief meta jidhirlu li ma jkunx mixtieq li hekk jagħmel fl-interessi tal-pazjent jew għal xi raġunijiet speċjali oħra.

(6) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din ir-regola, it-tribunal jista', meta jidhirlu xieraq li hekk jagħmel, jipprojbixxi l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni jew il-pubblikazzjoni fil-qosor tad-deċiżjoni sħiħa jew parti minnha, jew jordna li d-deċiżjoni sħiħa jew fil-qosor tista' tiġi pubblikata biss lil dawk il-persuni u taħt dawk il-kundizzjonijiet li jippreskrivi t-tribunal.

Żmien.

27. Iż-żmien stabbilit b'dawn ir-regoli għall-egħmil ta' xi ħaġa jista' jiġi mtawwal miċ-*chairman* tat-tribunal b'dawk il-kundizzjonijiet (jekk ikun hemm) li jidhirlu xierqa u dak iż-żmien jista' jittawwal għal-kemm l-applikazzjoni biex dak iż-żmien jittawwal ma ssirx qabel ma jkun għadda ż-żmien stabbilit.

Notifika ta' avviżi, eċċ.

28. Kull applikazzjoni, avviż, taħrika ta' xhieda jew dokument li skond dawn ir-regoli għandhom jintbagħtu jew jingħataw lil xi persuna jistgħu jintbagħtu bil-posta mħallsa bil-quddiem jew konsenjati —

(a) fil-każ li jintbagħtu lit-tribunal, iċ-*chairman* jew is-Segretarju tiegħu, fl-uffiċċju tat-Tribunal;

(b) f'kull każ ieħor, fl-aħħar indirizz magħruf tal-persuna li lilha tkun miġbuta;

u jekk miġbuta jew mogħtija lir-rappreżentant awtorizzat ta' xi persuna jitqiesu li jkunu ngħataw jew intbagħtu lil dik il-persuna.

Ilsien tat-tribunal.

29. L-ilsien Malti jkun l-ilsien li jintuża mit-tribunal u l-proċedimenti kollha għandhom isiru b'dak l-ilsien.

L-EWWEL SKEDA

Regola 3

FORMULA I

Applikazzjoni minn Pazjent fl-Isptar

Jiena ..... b'din qed
(isem u indirizz tal-pazjent)

nagħmel applikazzjoni lit-Tribunal ta' Reviżjoni dwar Saħħa Mentali skond l-artikolu ..... ta' l-Att ta' l-1976 dwar is-Saħħa Mentali.
(agħti l-artikolu ta' l-Att)

Dettalji ta' l-applikazzjoni .....
(isem ta' l-isptar)

Dettalji ta' l-applikazzjoni .....
(l-applikant jista' jagħti r-raġunijiet tiegħu għax qed .....
jagħmel l-applikazzjoni. Jekk ikun mixtieq smigħ formali, dan għandu jitniżżel hawn- .....
hekk).

Firma tal-pazjent jew tal-persuna
awtorizzat biex tiffirma f'ismu .....

Data .....

FORMULA 2

Applikazzjoni mill-Qarib l-aktar viċin tal-pazjent u mill-Qarib Sostitwit

1. Jiena ..... b'din qed
(isem u indirizz ta' l-applikant)

nagħmel applikazzjoni lit-Tribunal ta' Reviżjoni dwar Saħħa Mentali skond l-artikolu ..... ta' l-Att ta' l-1976 dwar is-Saħħa Mentali,
(agħti l-artikolu ta' l-Att)

dwar ..... li jinsab miżmum fi .....
(semmi il-pazjent) (isem ta' l-isptar)

2. Jiena —

(a) il-qarib l-aktar viċin tal-pazjent skond kif imfisser fl-Att, billi jiena ..... tiegħu/tagħha, u qed
(għid kif tiġi mill-pazjent)

neżerċita l-funzjonijiet bħala l-qarib l-aktar viċin,

jew (b) il-qarib l-aktar viċin tal-pazjent skond kif imfisser fl-Att, billi jiena ..... tiegħu/ tagħha, iżda ġejt żvestit mill-
(għid kif tiġi mill-pazjent)

funzjonijiet ta' qarib l-aktar viċin b'Digriet tal-Qorti li jġib id-data .....

.....,
(data tad-digriet)

jew (ċ) ġejt awtorizzat biex neżerċita l-funzjonijiet tal-qarib l-aktar viċin tal-pazjent b'Digriet tal-Qorti u kopja tiegħu tinsab ma' din l-applikazzjoni.

3. Dettalji ta' l-applikazzjoni .....
(l-applikant jista' jagħti r-raġunijiet tiegħu għax qed .....
jagħmel l-applikazzjoni. Jekk ikun mixtieq smigħ formali, dan għandu jitniżżel hawn .....
hekk).

Firma tal-pazjent jew tal-persuna
awtorizzat biex tiffirma f'ismu .....

Data .....

IT-TIENI SKEDA

Regola 6

Dikjarazzjoni mill-Awtorità Responsabbli

A. Fatti għat-tagħrif tat-tribunal, safejn taf l-awtorità.

1. L-isem sħiħ tal-pazjent.

2. L-età tal-pazjent.

3. Id-data tad-dħul tal-pazjent fl-isptar li qed jinżamm fih issa.

4. L-istorja ta' l-awtorità biex jinżamm preżenti, i.e. data ta' dħul, artikolu ta' l-Att li sar taħtu, data ta' kull tiġdid jew trasferiment ta' wara, jew tneħħija ta' restrizzjoni malli jintbagħat mill-isptar.

5. Xorta waħda jew aktar ta' diżordni mentali li dwarhom il-pazjent ikun reġistrat bħala li qed jinżamm fl-isptar (kif emendata b'xi klassifikazzjoni mill-ġdid taħt l-Att).

6. Isem u indirizz tal-qarib l-aktar viċin tal-pazjent jew, jekk xi persuna oħra qed teżerċita l-funzjonijiet tal-qarib l-aktar viċin, dik il-persuna.

7. Jekk l-awtorità responsabbli tkun tal-fehma li l-applikant mhux intitolat taħt l-Att li jagħmel l-applikazjoni, ir-raġunijiet għal din il-fehma.

B. Rapporti

1. Dikjarazzjoni tar-raġunijiet għaliex l-awtorità responsabbli mhix lesta li teħles lill-pazjent (inkluż rapport fuq il-kondizzjoni mentali tal-pazjent u dettalji tal-faċilitajiet li jeżistu għall-kura tal-pazjent jekk l-awtorità għat-tiżmim tkun inħelset) jew, fil-każ ta' applikazzjoni taħt l-artikolu 29 ta' l-Att, ir-raġunijiet li fuqhom l-awtorità qieset l-kriterji speċjali msemmija f'dak l-artikolu.

2. Jekk l-applikant ikun il-pazjent u jkun talab smigħ formali, il-fehma ta' uffiċjal mediku responsabbli dwar jekk dan ma jkunx ta' ħsara għas-saħħa tal-pazjent.

3. Osservazzjonijiet oħra fuq l-applikazzjoni.